MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 638/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Borg Mario**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentata fil-25 ta’ Marzu, 2004 fejn intalab li l -konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sebgha mija tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm753.74) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2134 3172 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma’ l-istess avviz bhala Dok A, B u C;

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal din l-istess talba.

Semgha d-dikjarazzjoni solenni tal-avukat Dr Keith Grech li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' sebgha mija tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm753.74) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------